

**MT**

**EN**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, ...  
C

Abbozz

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...**

**tal-...]**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

Abbozz

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...**

**tal-...]**

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatati jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-'Regolament Bażiku'), u b' mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Bis-sostituzzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 mir-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-Artikolu 5 li jittratta l-ajrunavigabbiltà ġie estiż biex jinkludi l-elementi tal-valutazzjoni tal-adeqwatezza operattiva fir-regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tat-tip.
- (2) L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem l-'Aġenzija') ħasset il-ħtieġa li tipproponi emendi għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 sabiex tippermetti lill-Aġenzija ttejjeb id-dejta tal-adeqwatezza operattiva bħala parti mill-proċess taċ-ċertifikazzjoni tat-tip.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni maħruġa mill-Aġenzija<sup>2</sup> f'konformità mal-Artikoli 17(2)(b) u 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-Opinjoni<sup>3</sup> tal-Kumitat tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni stabbiliti mill-Artikolu 65(3) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (5) Għaldaqstant ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 għandu jiġi emendat kif xieraq.

---

<sup>1</sup> ĠU L 79, 19.03.2008, p.1.

<sup>2</sup> Opinjoni 06/2008.

<sup>3</sup> (Għandha tinħareġ).

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 qed jiġi emendat kif ġej:

1. FI-Artikolu 1(2) qed jiżdied il-punt (i) li ġej:  
'(i) 'Operatur tal-Unjoni Ewropea' tfisser operatur li jkollu s-sede prinċipali tiegħu fi Stat Membru.'
2. L-Artikolu 2bis li ġej huwa miżjud:

### *'Artikolu 2f*

#### **Dejta tal-Adegwatezza Operattiva**

1. Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip ta' inġenju tal-ajru maħruġ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li għandu l-intenzjoni li jikkonsenja inġenju tal-ajru ġdid lil operatur tal-Unjoni Ewropea fi jew wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandu jikseb approvazzjoni skont il-Parti 21A.21(e), ħlief għas-sillabu minimu tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni u ħlief għad-dejta tal-validazzjoni tal-inġenju tal-ajru biex jappoġġja l-kwalifika oġġettiva ta' simulatur(i). L-approvazzjoni għandha tinkiseb fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew qabel ma l-inġenju tal-ajru jibda jitħaddem minn operatur tal-Unjoni Ewropea, tkun liema tkun l-aħħar. Id-dejta tal-adeqwatezza operattiva tista' tiġi limitata għall-mudell li jiġi kkonsenjat.
2. L-applikant għal ċertifikat tat-tip ta' inġenju tal-ajru li għalih l-applikazzjoni ġiet ippreżentata qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li għalih iċ-ċertifikat tat-tip ma nħariġx qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandu jikseb approvazzjoni skont il-Parti.21A.21(e) ħlief għas-sillabu minimu tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni u għad-dejta sors tal-validazzjoni tal-inġenju ajru biex jappoġġja l-kwalifika oġġettiva ta' simulatur(i). L-approvazzjoni għandha tinkiseb fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jew qabel ma l-inġenju tal-ajru jibda jitħaddem minn operatur tal-Unjoni Ewropea, tkun liema tkun l-aħħar. Il-konstatazzjonijiet ta' konformità magħmula mill-awtoritajiet fil-proċessi tal-Bord ta' Valutazzjonijiet tal-Operat imwettqa taħt ir-responsabbiltà tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni Konġunta (JAA) jew l-EASA qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu aċċettati mill-EASA mingħajr l-ebda verifika ulterjuri.
3. Ir-Rapporti tal-Bord ta' Valutazzjoni tal-Operat maħruġa skont il-proċeduri tal-JAA jew mill-Aġenzija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu d-Dejta tal-Adegwatezza Operattiva approvata skont il-Parti 21A.21(e) u għandhom jitqiesu inklużi fiċ-ċertifikat tat-tip rilevanti. Id-dejta għandha tintgħaraf f'dejta mandatorja jew f'dejta rrakkomandata skont l-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni applikabbli maħruġa mill-Aġenzija.
4. Id-detenturi ta' ċertifikat tat-tip li jinkludi dejta tal-adeqwatezza operattiva għandhom jiksbu approvazzjoni ta' estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn tagħhom jew proċeduri alternattivi għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn, kif ikun applikabbli, sabiex jinkludu aspetti tal-adeqwatezza operattiva fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.'

3. L-Anness (il-Parti-21) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1702/2003 qed jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

*Dħul fis-seħħ*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Permezz ta' deroga mill-punt 1, l-emendi għas-Subpartijiet D u E tal-Parti-21 mhux se jrin ikunu obligatorji għall-applikanti għall-approvazzjoni ta' bidla f'ċertifikat tat-tip kif ukoll applikanti għal Ċertifikat tat-Tip Supplimentali sa tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, XXXX.

*Għall-Kummissjoni*  
*[...]*  
*Il-President*

## ANNEX

L-Anness (il-Parti-21) għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1702/2003 qed jiġi emendat kif ġej:

1. fil-punt 21A.14(b), il-punt 4 qed jinbidel b'dan li ġej:  
'4. magna jew skrun li jkollhom ċertifikat tat-tip taħt l-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni għal gliders bil-mutur; jew'
2. fil-punt 21A.15, qed jiżdied il-punt (d) li ġej:  
'(d) Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett għal inġenju tal-ajru għandha tinkludi, jew tkun supplimentata wara l-applikazzjoni inizjali sabiex tinkludi l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva, li tikkonsisti minn, kif ikun applikabbli:
  1. is-sillabu minimu tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' bdot, inkluża d-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tat-tip;
  2. id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dejta sors tal-validazzjoni tal-inġenju tal-ajru biex tiġi appoġġjata l-kwalifika oġġettiva ta' simulatur(i) assoċjata mat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' bdot, jew dejta proviżorja biex tiġi appoġġjata l-kwalifika interim tagħhom;
  3. is-sillabu minimu tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni tat-tip ta' persunal għaċ-ċertifikazzjoni tal-manutenzjoni, inkluża d-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tat-tip;
  4. id-determinazzjoni tat-tip jew il-varjant għall-ekwipaġġ tal-kabina u d-dejta ta' tip speċifiku għat-taħriġ tal-ekwipaġġ tal-kabina;
  5. il-lista definittiva ta' tagħmir minimu; u
  6. elementi oħra tal-adeqwatezza operattiva relatati mat-tip.'

3. Il-punt 21A.16 qed jinbidel b'dan li ġej:

### **'21A.16A Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni**

L-Aġenzija għandha toħroġ skont l-Artikolu 9 tal-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni tar-Regolament Bażiku, inklużi l-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni għad-dejta tal-adeqwatezza operattiva, bħala mezzi standard biex turi l-konformità tal-prodotti, il-komponenti u l-apparati mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti tal-Anness I, III u IV għar-Regolament Bażiku. Dawn l-ispesifikazzjonijiet għandhom ikunu ddettaljati u speċifiċi b'mod suffiċjenti sabiex jindikaw lill-applikanti, il-kundizzjonijiet li taħthom se jrin jinħarġu, jiġu emendati jew jiġu supplimentati ċ-ċertifikati.'

4. Il-punt 21A.16B qed jinbidel b'dan li ġej:

### **'21A.16B Kundizzjonijiet speċjali**

- (a) L-Aġenzija għandha tippreskrivi speċifikazzjonijiet tekniċi ddettaljati speċjali, kundizzjonijiet speċjali msemmija, għal prodott jekk l-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjonijiet relatati ma jkunx fihom standards tas-sigurtà xierqa u adegwati għall-prodott, peress li:
  1. Il-prodott għandu karatteristiċi tad-disinn ġodda jew mhux tas-soltu relattivi għall-prattiċi tad-disinn li fuqhom huma bbażati l-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni applikabbli; jew

2. L-użu maħsub tal-prodott mhuwiex konvenzjonali; jew
  3. L-esperjenza minn prodotti oħra simili li jiġu operati jew prodotti li għandhom karatteristiċi tad-disinn simili, uriet li jistgħu jiżviluppaw kundizzjonijiet mhux siguri.
- (b) Il-kundizzjonijiet speċjali fihom dawn l-istandards tas-sigurtà hekk kif l-Aġenzija tħoss il-ħtieġa li tistabbilixxi livell ta' sigurtà ekwivalenti għal dak stabbilit fl-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni applikabbli.'
5. Il-punt 21A.17 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.17A Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip**

- (a) Il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip li għandha tiġi nnotifikata għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip jew għal ċertifikat tat-tip ristrett għandha tikkonsisti minn:
1. L-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni applikabbli, stabbiliti mill-Aġenzija li huma effettivi fid-data tal-applikazzjoni għal dik iċ-ċertifikazzjoni, sakemm:
    - (i) Ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Aġenzija; jew
    - (ii) Il-konformità ma' emendi li jsiru effettivi aktar tard ma tkunx ġiet magħżula mill-applikant jew meħtieġa taħt il-paragrafi (c) u (d).
  2. Kull kundizzjoni speċjali preskritta skont 21A.16B(a).
- (b) Applikazzjoni għal ċertifikazzjoni tat-tip ta' ajruplani kbar u ta' inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors għandha tkun effettiva għal ħames snin filwaqt li applikazzjoni għal kwalunkwe ċertifikat tat-tip ieħor għandha tkun effettiva għal tliet snin, sakemm l-applikant fil-mument tal-applikazzjoni ma jurix li l-prodott tiegħu jeħtieġ perjodu itwal ta' żmien għad-disinn, l-iżvilupp, u l-ittestjar, u l-Aġenzija tapprova perjodu itwal.
- (c) Fil-każ fejn ma jkunx inħareġ ċertifikat tat-tip, jew huwa ċar li mhux sejjer jinħareġ ċertifikat tat-tip fil-limitu taż-żmien stabbilit taħt il-paragrafu (b), l-applikant jista':
1. Jippreżenta applikazzjoni ġdida għal ċertifikat tat-tip u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet kollha tal-paragrafu (a) applikabbli għal applikazzjoni oriġinali; jew
  2. Iressaq talba għal estensjoni tal-applikazzjoni oriġinali u jikkonforma mal-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni applikabbli li kienu effettivi f'data, li għandha tintgħażel mill-applikant, mhux aktar kmieni mid-data li tippreċedi d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tat-tip sal-limitu ta' żmien stabbilit taħt il-paragrafu (b) għall-applikazzjoni oriġinali.
- (d) Jekk applikant jiddeċiedi li jikkonforma ma' emenda għall-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni li tkun effettiva wara l-preżentazzjoni tat-talba għal ċertifikat tat-tip, l-applikant għandu jikkonforma wkoll ma' kull emenda oħra li l-Aġenzija tqis relatata b'mod dirett.'
6. il-punt 21A.17B li ġej huwa miżjud:

**'21A.17B Bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva**

- (a) L-Aġenzija għandha tinnotifika lill-applikant, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva. Din għandha tikkonsisti minn:

1. L-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni applikabbli għad-dejta tal-adeqwatezza operattiva skont 21A.16A li jkunu effettivi fid-data tal-applikazzjoni jew tas-suppliment tal-applikazzjoni, sakemm:
    - (i) L-Aġenzija taċċetta mezzi oħra biex tintwera konformità mar-rekwiżiti essenzjali rilevanti tal-Annessi I, III u IV għar-Regolament Bażiku; jew
    - (ii) Il-konformità ma' emendi li jsiru effettivi aktar tard tkun ġiet magħżula mill-applikant.
  2. Kull kundizzjoni speċjali preskritta skont 21A.16B(a).
  - (b) Jekk applikant jiddeċiedi li jikkonforma ma' emenda għall-Ispesifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni li jkunu effettivi wara l-preżentazzjoni tat-talba għal ċertifikat tat-tip, l-applikant għandu jikkonforma wkoll ma' kull emenda oħra li l-Aġenzija tqis relatata b' mod dirett.'
7. il-punt 21A.20 qed jinbidel b'dan li ġej:
- '21A.20 Konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali**
- (a) L-applikant għal ċertifikat tat-tip jew għal ċertifikat tat-tip ristrett għandu juri konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva applikabbli u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u għandu jipprovdi lill-Aġenzija, il-mezzi li bihom intweriet din il-konformità.
  - (b) L-applikant għandu jiddikjara li wera konformità ma' kull bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva applikabbli u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali.
  - (c) Meta l-applikant ikollu approvazzjoni xierqa ta' organizzazzjoni tad-disinn, id-dikjarazzjoni tal-paragrafu (b) għandha ssir skont id-dispożizzjonijiet tas-Subparti J.'
8. Fil-punt 21A.21, il-punti (b) u (c)1 qed jinbidlu u minflok qed jiżiedu l-punti (e) u (f) kif ġej:
- (b) li jkun issottometta d-dikjarazzjoni msemmija f'21A.20(b);
  - (c) ikun wera li:
    1. Il-prodott li għandu jġi ċertifikat jissodisfa l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali magħżula skont 21A.17A u 21A.18;
  - (e) Fil-każ ta' ċertifikat tat-tip ta' inġenju tal-ajru, jintwera li d-dejta tal-adeqwatezza operattiva tissodisfa l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva applikabbli li tkun ġiet magħżula skont 21A.17B.
  - (f) Permezz ta' deroga mill-punt (e), jista' jinħareġ ċertifikat tat-tip ta' inġenju tal-ajru qabel ma tintwera l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva applikabbli. F'dan il-każ, il-validità taċ-ċertifikat tat-tip għandha tkun ikkundizzjonata lill-applikant li juri konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva qabel ma dik id-dejta tintuża minn organizzazzjoni tat-taħriġ jew minn operatur tal-Unjoni Ewropea. Permezz ta' deroga minn 21A.20, id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (b) għandha tindika d-data sa meta sejra tintwera l-konformità.

9. Il-punt 21A.23 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.23 Ħruġ ta' ċertifikat tat-tip ristrett**

- (a) Għal inġenju tal-ajru li ma jissodisfax id-dispożizzjonijiet ta' 21A.21(c), l-applikant għandu jkun intitolat li jinħariġlu ċertifikat tat-tip ristrett mill-Aġenzija wara:
1. jikkonforma mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip xierqa stabbilita mill-Aġenzija li tiżgura livell ta' sigurtà xieraq fir-rigward għall-użu maħsub tal-inġenju tal-ajru, u mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli;
  2. jiddikjara b'mod espliċitu li huwa lest li jikkonforma ma' 21A.44;
  3. fil-każ ta' ċertifikat tat-tip ta' inġenju tal-ajru ristrett, jintwera li d-dejta tal-adeqwatezza operattiva tissodisfa l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva applikabbli li tkun ġiet magħżula skont 21A.17B.
- (b) Permezz ta' deroga mill-punt (a)(3), l-applikant jista' jagħmel dikjarazzjoni li l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva sejra tiġi ddikjarata wara d-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat tat-tip ristrett, iżda qabel ma d-dejta tal-adeqwatezza operattiva tintuża minn organizzazzjoni tat-taħriġ jew minn operatur tal-Unjoni Ewropea.
- (c) Il-magna jew l-iskrun installat fl-inġenju tal-arju, jew it-tnejn li huma, għandhom:
1. ikollhom ċertifikat tat-tip maħruġ jew iddeterminat skont dan ir-Regolament; jew
  2. ikunu ntweru li huma f'konformità mal-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni meħtieġa sabiex jiġi żgurat it-titjir sigur tal-inġenju tal-ajru.'

10. Fil-punt 21A.31(a), il-punt 3 qed jinbidel b'dan li ġej:

- '3. Sezżjoni approvata tal-limitazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà tal-istruzzjonijiet għall-ajrunavigabbiltà kontinwa kif definit mill-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni applikabbli; u'

11. fil-punt 21A.33, il-punt (a) qed jinbidel b'dan li ġej:

- '(a) L-applikant għandu jwettaq l-ispezzjonijiet u t-testijiet kollha meħtieġa biex juri konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali.'

12. il-punt 21A.41 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.41 Ċertifikat tat-tip**

Iċ-ċertifikat tat-tip u ċ-ċertifikat tat-tip ristrett huma t-tnejn ikkunsidrati li jinkludu d-disinn tat-tip, il-limitazzjonijiet operattivi, l-iskeda tad-dejta taċ-ċertifikat tat-tip għall-ajrunavigabbiltà u l-emissjonijiet, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali li bihom l-Aġenzija tirreġistra l-konformità, u kull kundizzjoni jew limitazzjoni oħra preskritta għall-prodott fl-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli. Iċ-ċertifikat tat-tip u ċ-ċertifikat tat-tip ristrett tal-inġenju tal-ajru, it-tnejn li huma jinkludu l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva applikabbli, id-dejta tal-adeqwatezza operattiva u l-iskeda tad-dejta taċ-ċertifikat tat-tip għall-istorbju. L-iskeda tad-dejta taċ-ċertifikat tat-tip tal-magna tinkludi r-rekord tal-konformità ta' emissjoni.'

13. Fil-punt 21A.44, il-punt (a) qed jinbidel b'dan li ġej:

- (a) iwettaq l-obbligi stabbiliti f'21A.3, 21A.3B, 21A.4, 21A.55, 21A.57, 21A.61 u 21A.62; u, għal dan il-għan, għandu jkompli jissodisfa r-rekwiżiti tal-kwalifiki għall-eliġibbiltà taħt 21A.14; u

14. il-punt 21A.55 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.55 Żamma ta' rekords**

L-informazzjoni rilevanti kollha tad-disinn, it-tpinġijiet u r-rapporti tat-test, inlużi r-rekords tal-ispezzjoni dwar il-prodott ittestjat, għandhom jinżammu mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip jew taċ-ċertifikat tat-tip ristrett, u dawn għandhom ikunu disponibbli dejjem għall-Aġenzija u għandhom jinżammu biex jagħtu l-informazzjoni meħtieġa biex ikunu żgurati l-ajrunavigabbiltà kontinwa, l-adeqwatezza operattiva kontinwa u l-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali tal-prodott.'

15. il-punt 21A.57 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.57 Manwali**

Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip jew ta' ċertifikat tat-tip għandu jipproduċi, iżomm u jaġġorna l-kopji definittivi ta' kull manwal meħtieġ mill-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva applikabbli u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali għall-prodott, u jipprovdi kopji, meta jkun mitlub, lill-Aġenzija.'

16. il-punt 21A.62 li ġej huwa miżjud:

**'21A.62 Disponibbiltà tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva**

Id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip jew taċ-ċertifikat tat-tip ristrett għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni:

- (a) mill-anqas sett wieħed ta' dejta tal-adeqwatezza operattiva mħejjija skont il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tal-adeqwatezza operattiva applikabbli, lil kull operatur magħruf tal-Unjoni Ewropea tal-inġenju tal-ajru, qabel ma d-dejta tal-adeqwatezza operattiva tintuża minn organizzazzjoni jew operatur tal-Unjoni Ewropea; u
- (b) kull bidla fid-dejta tal-adeqwatezza operattiva lil kull operatur magħruf tal-Unjoni Ewropea tal-inġenju tal-ajru; u
- (c) meta jkun mitlub, id-dejta rilevanti f'(a) u (b) ta' hawn fuq, lil:
1. l-awtorità kompetenti responsabbli għall-verifika tal-konformità ma' element wieħed jew aktar ta' dan is-sett ta' dejta tal-adeqwatezza operattiva; u
  2. kull persuna li teħtieġ li tikkonforma ma' element wieħed jew aktar minn dan is-sett ta' dejta tal-adeqwatezza operattiva.'

17. il-punt 21A.90 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.90 Kamp ta' applikazzjoni**

Din is-Subparti tistabbilixxi, il-proċeduri għall-approvazzjoni tal-bidliet fiċ-ċertifikati tat-tip, u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal, u d-detenturi ta', dawn l-approvazzjonijiet. F'din is-Subparti, ir-referenzi għaċ-ċertifikati tat-tip jinkludu ċertifikat tat-tip u ċertifikat tat-tip ristrett.'

18. il-punt 21A.91 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.91 Klassifikazzjoni tal-bidliet f'ċertifikat tat-tip**

Il-bidliet f'ċertifikat tat-tip huma kklassifikati b'ħala minuri u maġġuri. 'Bidla minuri' hija waħda li m'għandha l-ebda effett sinifikanti fuq il-massa, il-bilanċ, is-saħħa strutturali, l-affidabbiltà, il-karatteristiċi operattivi, l-istorbju, l-ivventjar għal karburant, il-ħruġ ta' duħħan, id-dejta tal-adegwatezza operattiva jew karatteristiċi oħra li jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà tal-prodott. Mingħajr preġudizzju għal 21A.19 il-bidliet l-oħra kollha huma 'bidliet maġġuri' taħt din is-Subparti. Il-bidliet minuri u maġġuri għandhom jiġu approvati skont 21A.95 u l21A.97, kif ikun xieraq, u għandhom jiġu identifikati b'mod xieraq.'

19. il-punt 21A.92 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.92 Eligiġbiltà**

- (a) Id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip biss jista' japplika għall-approvazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip taħt din is-Subparti, l-applikanti l-oħra kollha għal bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip għandhom japplikaw taħt is-Subparti E.
- (b) Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista' tapplika għall-approvazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip taħt din is-Subparti.'

20. il-punt 21A.93 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.93 Applikazzjoni**

Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' bidla f'ċertifikat tat-tip għandha ssir f'forma u manjiera stabbilita mill-Aġenzija u għandha tinkludi:

- (a) Deskrizzjoni tal-bidla li tidentifika:
  - 1. Il-partijiet kollha taċ-ċertifikat tat-tip u l-manwali approvati li huma affettwati mill-bidla; u
  - 2. L-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali li bihom il-bidla tkun tfasslet biex tikkonforma ma' 21A.101.
- (b) Identifikazzjoni ta' kull investigazzjoni mill-ġdid biex tintwera l-konformità tal-prodott mibdul mal-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali.
- (c) Meta l-bidla taffettwa d-dejta tal-adegwatezza operattiva, l-applikazzjoni għandha tinkludi, jew tkun supplimentata wara l-applikazzjoni inizjali biex tinkludi l-bidliet meħtieġa fid-dejta tal-adegwatezza operattiva.'

21. il-punt 21A.95 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.95 Bidliet minuri**

Il-bidliet minuri f'ċertifikat tat-tip għandhom jiġu kklassifikati u approvati jew:

- (a) Mill-Aġenzija; jew
- (b) Minn organizzazzjoni tad-disinn approvata b'mod xieraq taħt proċedura miftiehma mal-Aġenzija.'

22. il-punt 21A.97 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.97 Bidliet maġġuri**

- (a) Applikant għall-approvazzjoni ta' bidla maġġuri għandu:
  - 1. Jissottometti lill-Aġenzija informazzjoni sostanzjali flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni deskrittiva meħtieġa għall-inklużjoni fid-disinn tat-tip;

2. Juri li l-prodott mibdul jikkonforma mal-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni applikabbli, inklużi l-ispeċifikazzjonijiet għall-adegwatezza operattiva kif ikun applikabbli, ir-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali, kif speċifikat f'21A.101;
  3. Jiddikjara li huwa jkun wera konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, u l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adegwatezza operattiva kif ikun applikabbli, u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u għandu jipprovdi lill-Aġenzija, il-bażi li fuqha ssir din id-dikjarazzjoni;
  4. Meta l-applikant ikollu approvazzjoni xierqa ta' organizzazzjoni tad-disinn, jagħmel id-dikjarazzjoni tas-subparagrafu (a)(3) skont id-dispożizzjoniet tas-Subparti J;
  5. Jikkonforma ma' 21A.33 u, fejn ikun applikabbli, 21A.35.
- (b) Approvazzjoni ta' bidla maġġuri f'ċertifikat tat-tip hija limitata għal dik jew dawk il-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fid-disinn tat-tip li fuqhom issir il-bidla.'

22. il-punt 21A.101 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.101 L-għażla ta' rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u l-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni applikabbli**

- (a) Applikant għal bidla f'ċertifikat tat-tip għandu juri li l-prodott mibdul jikkonforma mal-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni li huma applikabbli għall-prodott mibdul u li huma fis-seħħ fid-data tal-applikazzjoni għall-bidla, u mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali xierqa stabbiliti f'21A.18.
- (b) Permezz ta' deroga mill-paragrafu (a), applikant jista' juri li l-prodott mibdul jikkonforma ma' emenda li tkun saret aktar kmieni tal-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni ddefinita fil-paragrafu (a), u ta' kwalunkwe Speċifikazzjoni taċ-Ċertifikazzjoni oħra li l-Aġenzija tqis relatata b'mod dirett. Madankollu, l-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni li ġew emendati aktar kmieni ma jistgħux jippreċedu l-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni inkorporati b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip. L-applikant jista' juri konformità ma' emenda li saret aktar kmieni tal-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
  1. Bidla li l-Aġenzija tqis li mhux sinifikanti. Biex tiddetermina jekk bidla speċifika hijiex sinifikanti, l-Aġenzija tqis l-bidla fil-kuntest ma' kull bidla rilevanti fid-disinn li saret qabel u kull revizzjoni relatata fl-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni inkorporati fiċ-ċertifikat tat-tip għall-prodott. Il-bidliet li jissodisfaw wieħed mill-kriterji li ġejjin huma awtomatikament ikkunsidrati sinifikanti:
    - (i) Il-konfigurazzjoni ġenerali jew il-prinċipji ta' kostruzzjoni ma jinżammux;
    - (ii) Is-suppożizzjonijiet użati għaċ-ċertifikazzjoni tal-prodott li għandu jinbidel ma jibqgħux validi.
  2. Kull żona, sistema, komponent jew apparat li l-Aġenzija ssib li ma jkunx affettwat mill-bidla.
  3. Kull żona, sistema, komponent jew apparat li huwa affettwat mill-bidla, li għalih l-Aġenzija tqis li l-konformità mal-Ispeċifikazzjonijiet taċ-

Ċertifikazzjoni deskritti fil-paragrafu (a) ma tkunx tikkontribwixxi materjalment għal-livell ta' sigurtà tal-prodott mibdul jew ma tkunx Prattika.

- (c) Applikant li japplika għal bidla f'ajruplan (għajr ajruplani li jaħdmu bir-rotor) ta' 2 722 kg (6 000 lbs) jew anqas bħala toqol massimu jew f'ajruplani li jaħdmu bir-rotor iżda non-turbine ta' 1 361 kg (3 000 lbs) jew anqas bħala toqol massimu, jista' juri li l-prodott mibdul jikkonforma mal-bażi taċ-Ċertifikazzjoni tat-tip, inkorporata b'referenza fiċ-Ċertifikat tat-tip. Madankollu, jekk l-Aġenzija ssib li l-bidla hija sinifikanti f'xi żona, l-Aġenzija tista' tagħżel li jkun hemm konformità ma' emenda fil-bażi taċ-Ċertifikazzjoni tat-tip, inkorporata b'referenza fiċ-Ċertifikat tat-tip, fis-seħħ fid-data tal-applikazzjoni u ma' kull Speċifikazzjoni taċ-Ċertifikazzjoni li l-Aġenzija ssib li bħala relatata direttament, sakemm l-Aġenzija ma ssibx ukoll li l-konformità ma' dik l-emenda jew Speċifikazzjoni taċ-Ċertifikazzjoni ma tkunx tikkontribwixxi materjalment għal-livell ta' sigurtà tal-prodott mibdul, jew ma tkunx waħda Prattika.
- (d) Jekk l-Aġenzija ssib li l-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni li jkunu fis-seħħ fid-data tal-applikazzjoni għall-bidla ma jkunux jipprovdu livelli adegwati dwar il-bidla proposta, l-applikant għandu wkoll jikkonforma ma' kwalunkwe kundizzjoni speċjali oħra, u ma' emendi għal dawk il-kundizzjonijiet speċjali, preskritti taħt id-dispożizzjonijiet ta' 21A.16B, sabiex jipprovdi livell ta' sigurtà ekwivalenti għal dak stabbilit fl-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni, fis-seħħ fid-data tal-applikazzjoni għall-bida.
- (e) Applikazzjoni għal bidla fiċ-Ċertifikat tat-tip ta' ajruplani kbar u ta' inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors tkun effettiva għal ħames snin, filwaqt li applikazzjoni għal bidla fi kwalunkwe tip ieħor ta' ċertifikat tat-tip tkun effettiva għal tliet snin. F'każ fejn il-bidla ma tkunx ġiet approvata, jew fejn ikun ċar li din mhux sejra tiġi approvata taħt il-limitu ta' żmien stabbilit taħt dan is-subparagrafu, l-applikant jista':
1. Jippreżenta applikazzjoni ġdida għal ċertifikat tat-tip u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet kollha tal-paragrafu (a) applikabbli għal applikazzjoni oriġinali għal bidla; jew
  2. Iressaq talba għal estensjoni tal-applikazzjoni oriġinali u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) għal data effettiva tal-applikazzjoni, li għandha tintgħażel mill-applikant, mhux aktar kmieni mid-data li tippreċedi d-data tal-approvazzjoni tal-bidla sal-perjodu ta' żmien stabbilit taħt dan is-subparagrafu għall-applikazzjoni oriġinali għall-bidla.
- (f) Meta l-applikazzjoni għal bidla f'ċertifikat tat-tip għal inġenju tal-ajru tinkludi, jew tiġi supplimentata wara l-applikazzjoni inizjali biex tinkludi bidliet fid-dejta tal-adegwatezza operattiva, il-bażi taċ-Ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adegwatezza operattiva għanda tiġi magħżula f'konformità mal-punti (a) sa (d) ta' hawn fuq.'

23. il-punt 21A.103 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.103 Ħruġ ta' approvazzjoni**

- (a) L-applikant għandu jkun intitolat li jkollu bidla magħguri f'ċertifikat tat-tip approvata mill-Aġenzija wara:
1. li jissottometti d-dikjarazzjoni msemmija f'21A.97(a)(3); u
  2. li jkun wera li:

- (i) Il-prodott mibdul jissodisfa l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli, kif speċifikat f'21A.101;
  - (ii) Kull dispożizzjoni tal-ajrunavigabbiltà li mhux osservata hija kkompensata permezz ta' fatturi li jipprovdu livell ta' sigurtà ekwivalenti; u
  - (iii) L-ebda funzjoni jew karatteristika ma tagħmel il-prodott mhux sigur għall-utenti li hija mitluba ċertifikazzjoni għalihom.
3. Fil-każ ta' bidla li taffettwa d-dejta tal-adeqwatezza operattiva, jintwera li l-bidliet meħtieġa fid-dejta tal-adeqwatezza operattiva jissodisfaw il-bażi ta' ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva applikabbli li tkun ġiet magħżula skont 21A.101(f).
4. Permezz ta' deroga mill-punt 3, bidla magħguri f'inġenju tal-ajru tista' tiġi approvata qabel ma tkun intweriet il-konformità mal-bażi ta' ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva applikabbli. F'dan il-każ, il-validità ta' ċertifikat tat-tip għandha tkun ikkundizzjonata lill-applikant li juri konformità mal-bażi ta' ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva qabel ma dik id-dejta tintuża minn organizzazzjoni tat-taħriġ jew minn operatur tal-Unjoni Ewropea. Permezz ta' deroga minn 21A0.97, id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt 1, għandha tindika d-data sa meta sejra tintwera l-konformità.
- (b) Bidla minuri f'ċertifikat tat-tip għandha tiġi approvata biss skont 21A.95 jekk jintwera li l-prodott mibdul jissodisfa l-Ispeċifikazzjonijiet ta' Ċertifikazzjoni, kif speċifikat f'21A.101.'

24. il-punt 21A.105 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.105 Żamma ta' rekords**

Għal kull bidla, l-informazzjoni kollha tad-disinn li hija rilevanti, it-tpinġijiet u r-rapporti tat-test, inklużi r-rekords tal-ispezzjoni dwar il-prodott mibdul li jkun ġie ttestjat, għandhom jinżammu mill-applikant għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija u għandhom jinżammu biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex ikunu żgurati l-ajrunavigabbiltà kontinwa u l-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli tal-prodott mibdul.'

25. Fil-punt 21A.107, il-punt (a) qed jinbidel b'dan li ġej:

- (a) Id-detentur ta' approvazzjoni għal bidla minuri f'ċertifikat tat-tip għandu jipprovdi mill-anqas sett wieħed tal-varjazzjonijiet assoċjati, jekk ikun hemm, mal-istruzzjonijiet għal ajrunavigabbiltà kontinwa tal-prodott li fuqu għandha tiġi installata l-bidla minuri, imħejjija skont il-bażi ta' ċertifikazzjoni tat-tip, lil kull sid magħruf ta' inġenju tal-ajru, magna jew skrun wieħed jew aktar, li jinkorpora l-bidla minuri, mal-kunsinna tiegħu, jew mal-ħruġ tal-ewwel ċertifikat ta' ajrunavigabbiltà għall-inġenju tal-ajru affettwat, tkun liema tkun l-aħħar, u minn hemm 'il quddiem, meta jkun mitlub, iqiegħed dawk il-varjazzjonijiet fl-istruzzjonijiet għad-dispożizzjoni ta' kwalunkwe persuna oħra li teħtieġ li tikkonforma ma' kwalunkwe wieħed mit-termini ta' dawk l-istruzzjonijiet.

26. il-punt 21A.108 li ġej huwa miżjud:

**21A.108 Disponibbiltà tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva**

Fil-każ ta' bidla li taffettwa d-dejta tal-adeqwatezza operattiva, id-detentur tal-approvazzjoni tal-bidla minuri għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni:

- (a) mill-anqas sett wieħed tal-bidliet fid-dejta tal-adeqwatezza operattiva mħejji skont il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tal-adeqwatezza operattiva applikabbli, lil kull operatur magħruf tal-Unjoni Ewropea tal-inġenju tal-ajru mibdul, qabel ma d-dejta tal-adeqwatezza operattiva tintuża minn organizzazzjoni jew minn operatur tal-Unjoni Ewropea; u
- (b) kull bidla ulterjuri fid-dejta tal-adeqwatezza operattiva affettwata, lil kull operatur magħruf tal-Unjoni Ewropea tal-inġenju tal-ajru mibdul; u
- (c) meta jkun mitlub, il-partijiet rilevanti tal-bidliet f'(a) u (b) ta' hawn fuq, lil:
  - 1. l-awtorità kompetenti responsabbli għall-verifika tal-konformità ma' element wieħed jew aktar tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva affettwata; u
  - 2. kull persuna meħtieġa li tikkonforma ma' element wieħed jew aktar minn dan is-sett ta' dejta tal-adeqwatezza operattiva.'

27. il-punt 21A.109 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.109 L-obbligi u l-immarrkar tal-EPA**

Id-detentur ta' approvazzjoni għal bidla minuri f'ċertifikat tat-tip għandu:

- (a) iwettaq l-obbligi stabbiliti f'21A.4, 21A.105, 21A.107 u 21A.108; u
- (b) jispeċifika l-immarrkar inklużi l-ittri tal-EPA (l-Approvazzjoni Ewropea tal-Parti), skont 21A.804(a).'

28. il-punt 21A.111 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.111 Kamp ta' applikazzjoni**

Din is-Subparti tistabbilixxi, il-proċeduri għall-approvazzjoni tal-bidliet fiċ-ċertifikati tat-tip taħt il-proċeduri taċ-ċertifikat tat-tip supplimentali, u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal, u d-detenturi ta' dawn iċ-ċertifikati.'

29. Fil-punt 21A.113, il-punt (b) qed jinbidel b'dan li ġej:

- '(b) Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip supplimentali għandu jinkludi d-deskrizzjonijiet, l-identifikazzjoni u l-bidliet fid-dejta tal-adeqwatezza operattiva meħtieġa minn 21A.93. Barra minn hekk, applikazzjoni bħal din għandha tinkludi ġustifikazzjoni li l-informazzjoni li fuqha huma bbażati daww l-identifikazzjonijiet tkun xierqa jew mir-riżorsi propji tal-applikant, jew permezz ta' arranġament mad-detentur taċ-ċertifikat tat-tip.'

30. Fil-punt 21A.118A, il-punt (a)1 qed jinbidel b'dan li ġej:

- '1. Stabbiliti f'21A.3, 21A.3B, 21A.4, 21A.105, 21A.119, 21A.120A u 21A.120B;'

31. il-punt 21A.119 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.119 Manwali**

Id-detentur ta' ċertifikat tat-tip supplimentali għandu jipproduċi, iżomm u jaġġorna l-kopji definittivi tal-varjazzjonijiet fil-manwali meħtieġa mill-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva applikabbli u r-reqwiżiti tal-protezzjoni ambjentali għall-prodott, li huma meħtieġa biex ikopru l-bidliet

introdotti taħt iċ-ċertifikat tat-tip supplimentali, u meta jkun mitlub jipprovdi kopji ta' dawn il-manwali lill-Aġenzija.'

32. it-titolu tal-punt ta' 21A.120 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.120A Istruzzjonijiet għal ajrunavigabbiltà kontinwa'**

33. il-punt 21A.120B li ġej huwa miżjud:

**'21A.120B Disponibbiltà tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva**

Fil-każ ta' bidla li taffettwa d-dejta tal-adeqwatezza operattiva, id-detentur taċ-ċertifikat tat-tip supplimentali għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni:

- (a) mill-anqas sett wieħed tal-bidliet fid-dejta tal-adeqwatezza operattiva mħejji skont il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tal-adeqwatezza operattiva applikabbli, lil kull operatur magħruf tal-Unjoni Ewropea tal-inġenju tal-ajru mibdul, qabel ma d-dejta tal-adeqwatezza operattiva tintuża minn organizzazzjoni jew minn operatur tal-Unjoni Ewropea; u
- (b) kull bidla ulterjuri fid-dejta tal-adeqwatezza operattiva affettwata, lil kull operatur magħruf tal-Unjoni Ewropea tal-inġenju tal-ajru mibdul; u
- (c) meta jkun mitlub, il-partijiet rilevanti tal-bidliet f'(a) u (b) ta' hawn fuq, lil:
  1. l-awtorità kompetenti responsabbli għall-verifika tal-konformità ma' element wieħed jew aktar tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva affettwata; u
  2. kull persuna li teħtieġ li tikkonforma ma' element wieħed jew aktar minn dan is-sett ta' dejta tal-adeqwatezza operattiva.'

34. fil-punt 21A.239, il-punt (a)1 qed jinbidel b'dan li ġej:

- '1. Biex jiġi żgurat li d-disinn tal-prodotti, il-komponenti u l-apparati jew il-bidla fid-disinn tagħhom, jikkonformaw mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-dejta tal-adeqwatezza operattiva u r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali; u'

35. Fil-punt 21A.245, il-punti (a) u (b) qed jinbidlu b'dawn li ġejjin:

- (a) Il-persunal fid-dipartiment tekniċi kollha huwa f'numru suffiċjenti u għandu l-esperjenza u jkun inġenju awtorità xierqa sabiex ikun jista' jwettaq ir-responsabbiltajiet allokatu lilu u li dan, flimkien mal-akkomodazzjoni, il-faċilitajiet u t-tagħmir ikunu xierqa biex jippermettu lill-persunal jilħaq l-għanijiet tal-ajrunavigabbiltà, l-adeqwatezza operattiva u l-protezzjoni tal-ambjent għall-prodott.
- (b) li hemm koordinazzjoni sħiħa u effiċjenti bejn id-dipartimenti u fi ħdan id-dipartimenti fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà, l-adeqwatezza operattiva u l-kwistijonijiet tal-protezzjoni ambjentali.'

36. il-punt 21A.247 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.247 Bidliet fis-sistema tal-assigurazzjoni tad-disinn**

Wara l-ħruġ ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni tad-disinn, kull bidla fis-sistema tal-assigurazzjoni tad-disinn li hija sinifikanti għat-turiġna tal-konformità jew għall-ajrunavigabbiltà, l-adeqwatezza operattiva u l-protezzjoni ambjentali tal-prodott, għandha tiġi approvata mill-Aġenzija. Applikazzjoni għall-approvazzjoni għandha tiġi sottomessa bil-miktub lill-Aġenzija u l-organizzazzjoni tad-disinn għandha turi lill-Aġenzija, fuq il-

bażi tas-sottomissjoni tal-bidliet proposti fil-manwal, u qabel l-implimentazzjoni tal-bidla, li hija sejra tkompli tikkonforma ma' din is-Subparti wara l-implimentazzjoni.'

37. il-punt 21A.251 qed jinbidel b'dan li ġej:

**'21A.251 Termini ta' approvazzjoni**

It-termini ta' approvazzjoni għandhom jidentifikaw it-tipi ta' xogħol tad-disinn, il-kategoriji ta' prodotti, komponenti u apparati li għalihom l-organizzazzjoni tad-disinn għandha approvazzjoni tal-organizzazzjoni tad-disinn, u l-funzjonjiet u d-dmirijiet li l-organizzazzjoni għandha l-approvazzjoni li twettaq fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà, l-adeqwatezza operattiva u l-karatteristiċi tal-istorbju, l-ivventjar għal karburant, il-ħruġ ta' duħħan tal-prodotti. Għall-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tad-disinn li tkopri ċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew l-awtorizzazzjoni tal-ETSO għal Unit ta' Qawwa Awżiljarja (APU), it-termini tal-approvazzjoni għandu jkun fihom ukoll il-lista tal-prodotti jew l-APU. Dawn it-termini għandhom jinħarġu bħala parti minn approvazzjoni tal-organizzazzjoni tad-disinn.'

38. Fil-punt 21A.263, il-punt (c) qed jinbidel b'dan li ġej:

'(c) Id-detentur ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn għandu jkun intitolat, fil-limitu tat-termini tiegħu ta' approvazzjoni u taħt il-proċeduri rilevanti tas-sistema ta' assigurazzjoni tad-disinn:

1. li jikklassifika l-bidliet fiċ-ċertifikat tat-tip u t-tiswijiet bħala 'maġġuri' jew 'minuri'.
2. li japprova bidliet minuri fiċ-ċertifikat tat-tip u tiswijiet minuri.'

39. il-punt 21B.70 li ġej huwa miżjud:

**'21B.70 Approvazzjoni ta' bidliet fiċ-ċertifikati tat-tip**

L-approvazzjoni tal-bidliet fid-dejta tal-adeqwatezza operattiva hija inkluża fl-approvazzjoni tal-bidla fiċ-ċertifikat tat-tip. Madankollu, l-Aġenzija għandha tuża proċess ta' klassifikazzjoni u approvazzjoni separat biex tamministra l-bidliet fid-dejta tal-adeqwatezza operattiva.'